Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 293/2018

Il-Pulizija

Vs

Mario Bartolo

Illum 27 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Bartolo detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 69056M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fix-xahar ta' Marzu 2018 u April 2018 gewwa l-Gzejjer Maltin:

1. Naqas li jaghti lil Rita Bartolo, is-somma ta' 466 euro kull 4 gimghat, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tliet xhur ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll ordnat il-hlas ta' €932 fi zmien tliet xhur ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Bartolo, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mario Bartolo, deciza fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u konsegwentament tillibera lill-appellanti Mario Bartolo minn kull imputazzjoni u htija;

ii. Fin-nuqqas tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Mario Bartolo huma s-segwenti u cioe`:-

**A. L-aggravju – l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-principju in dubio pro reo stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li naqset tipprova element essenzjali tal-imputazzjoni, u dana peress li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax x'kellu jigri gialadarba l-esponenti jaqa' bil-pensjoni - tant hu hekk li anki l-parte civile intavolat rikors generali sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha;**

Illi l-appellanti Mario Bartolo (minn hawn aktar 'il quddiem "l-appellanti") kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli "inqast li taghti lil Rita Bartolo, is-somma ta' 466 EURO kull 4 gimghat, iffissata

minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u/jew martek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma" u din l-akkuza kienet tkopri x-xhur ta' Marzu u April tas-sena 2018.

Illi permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) dik il-Qorti ddecidiet billi sabitu hati taht artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatlu jhallas is-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin ewro (€932) fi zmien tliet (3) xhur bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-akkuza kienet harget wara li l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt tas-separazzjoni;

Illi l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax li l-manteniment kellu jibqa' jithallas meta l-appellanti jigi bil-pensjoni - anzi hemm imnizzel biss li kellu jinqata' mill-paga tal-intimat, u ghalhekk issa li ma hemmx paga minn fejn jinqata' kellha ssir talba ghal-likwidazzjoni ta' tali manteniment tenut kont li l-esponenti issa huwa pensjonant;

Illi tant hu hekk li l-parte civile intavolat rikors quddiem il-Qorti tal-Familja (esebit in atti) sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha; liema talba giet michuda u dana in vista tal-fatt li l-esponenti kien digà ghamel talba sabiex jigi likwidat manteniment li jirrifletti l-mezzi tal-esponenti issa li hu pensjonant;

Illi l-esponenti ntavola r-rikors fl-atti tal-medjazzjoni li hemm pendenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Ittra numru 417/2018 sabiex jigi likwidat il-manteniment ghal martu li jirrifletti l-pensjoni tieghu li hi l-unika dhul tieghu issa li ma ghandux paga ta' portworker; (kopja wkoll esebita in atti)

L-esponenti jghix fil-kera u ma huwiex persuna ta' mezzi ghajr din il-pensjoni; (kopja tal-pensjoni esebita in atti)

Illi fil-prezent l-esponenti jircievi biss €900 fix-xahar bhala pensjoni;

Illi fl-artikolu hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni ma hemm imkien imnizzel li l-manteniment jibqa' jithallas wara li l-esponenti johrog bil-pensjoni - anzi hemm imnizzel din is-somma kellha tithallas lill-mara mill-employer tieghu;

Illi issa li l-esponenti spicca mix-xoghol u qieghed bil-pensjoni, huwa ha hsieb ukoll li jintavola l-proceduri odjerni tal-medjazzjoni sabiex tigi regolata s-sitwazzjoni ta' bejnu u bejn il-mara tieghu l-parte civile Rita Bartolo tenut kont il-bdil fil-mezzi u cirkostanzi billi hu ma ghadux jahdem u jaqla' l-flus li kien jaqla' qabel;

Illi huwa in vista ta' dawn il-fatti li l-appellanti jikkontendi li gialadarba kien hemm ammess anki mill-parte civile li hi ntavolat rikors generali sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha, li japplika l-principju *in dubio pro reo;*

Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mhijiex Qorti li tista' tinterpreta l-Kuntratti; u lanqas li kieku, gialadarba l-parte civile stess waqt ix-xhieda taghha ammettiet li qatt ma ftiehmu dwar x'ser jigri wara li johrog bil-pensjoni u ntavolat rikors (li gie michud) liema rikors huwa esebit in atti - li l-principju in dubio pro reo kellu jimmitiga favur l-appellanti;

Ma hemm l-ebda manteniment dovut sabiex jigi mhallas lill-parte civile u dana peress li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax x'kellu jigri gialadarba l-esponenti jigi bil-pensjoni u tant hu hekk li anki intavolat rikors generali sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha;

Ghaldaqstant l-appellanti jikkontendi li l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-principju in dubio pro reo stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li naqset tipprova element essenzjali tal-imputazzjoni, u dana peress li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax x'kellu jigri gialadarba l-esponenti jaqa' bil-pensjoni - u li in segwitu ghalhekk l-appellanti kellu jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

**B. <u>It-tieni Aggravju - Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti ma ghandux il-mezzi sabiex ihallas il-manteniment ghax huwa issa pensjonant u ma ghadux jippercepixxi l-paga li kellu qabel u ghalhekk invoka l-principju *ad impossibilia nemo tenetur;*</u>**

Illi l-appellanti jikkontendi li tenut kont li l-mezzi tieghu issa naqsu drastikament peress li hu qabel kien port worker - huwa ma ghadux fil-possibilità li jghaddi manteniment ta' 466 euro kull 4 gimghat;

Illi oltre hekk, il-fatti kienu ammessi anki mill-parte civile, li kkonfermat li taf li hu issa qieghed bil-pensjoni;

Illi d-dokumenti esebiti jikkonfermaw id-dhul tieghu, u li l-appellanti sahansitra intavola rikors lil Onorabbli Qorti tal-Familja sabiex jitlob likwidazzjoni tal-manteniment tenut kont li hu issa pensjonant u ma ghadux port worker;

Illi huwa fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet li l-appellanti jikkontendi li l-principju *ad impossibilia nemo tenetur* huwa ta' ostakolu biex tista' tinstab responsabbiltà kriminali.

Illi din l-impossibiltà tieghu kienet a konoxxenza anki tal-parte civile - li sahansitra applikat b'rikors generali quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex tipprova tissana l-pozizzjoni taghha;

Ghaldaqstant l-appellanti jikkontendi li gialadarba c-cirkostanti kienu tali li huwa:

(i) Lanqas kien hemm ordni sabiex tali manteniment jithallas wara li l-appellanti jispicca mill-impjieg, peress li dan il-manteniment kien mahsub li jissussisti sakemm jibqa' bil-paga u impjegat;

(ii) Lanqas hemm il-fondi minn fejn tali manteniment jinqata';

Li l-appellanti jikkontendi li japplika l-principju *ad impossibila nemo tenetur* u li dan it-tieni aggravju tieghu ghandu jigi milqugh.

Rat l-affidavit esebit fl-atti a fol 2 rilaxxjat minn **WPC 189 A Mawdsley** li stqarret li fil-11 ta' April, 2018 ghall-habta tas-7.10 p.m Rita Bartolo irraportat l-ghassa tal-pulizija ta' Hal-Qormi li l-ex ragel taghha l-appellant kien naqas li jaghtiha l-manteniment dovut lilha tax-xhur ta' Marzu u April 2018. Hija ghaddhietilha kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni li hija iffirmat ma zewgha nhar is-7 ta' Mejju, 2010 fejn kien hemm indikat li l-appellant kien intrabat li jhallas lill-kwerelanti s-somma ta'

€466 kul erba' gimghat. Qalet l-ukoll li l-manteniment kellu jidhol fil-kont taghha sal-21 ta' April 2018.

Il-Pulizija tkellmet mal-appellant nhar it-22 ta' April, 2018 fejn gie mgharraf bir-rapport tal-kwerelanti li kien sar fil-konfront tieghu. Dan stqarr li kien jaf b'dan il-kuntratt u gharaf li qabel kien itiha s-somma ta' €233 kull hmistax pero' issa huwa qieghed jircievi s-somma ta' €900 bhala penzjoni u ma jistax ilahhaq ghax b'hekk ikollu johrog kwazi nofs kemm jircievi. Qal ukoll li kien ilu bil-pensjoni ghal-madwar seba' xhur u ma kienx qed ilahhaq

Rat id-dokument esebit fl-atti a fol. 27 markat bhala Dok A fejn jidher bic-car li l-appellant qed jriceivi is-sigurta socjali fl-ammont ta' circa €915 kull erba' gimghat.

L-kwerelanti xehdet quddiem l-ewwel Qorti nhar l-20 ta Gunju 2018 skond il-verbal tal-Qorti tal-20 ta Gunju 2018 pero' x-xhieda taghha ma tinsab inserita fl-atti. Cio' nonostatne pero' mhux qed jigi kontestat li l-appellant ma hallasx il-manteniment dovut lill-kwrealnti kif rapportat minnha pero' ghamel hekk ghaliex ma kienx umanament possibli ghalih li jonora l-obbligazzjoni tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' seprazzjoni fuq imsemmi.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

1. Illi l-appellant kien iffirma kuntratt ta' separazzjoni ma martu l-kwerelanti Rita Bartolo nhar is-7 ta' Mejju 2010 skont il-kuntratt redatt minn nutar Sean Critein esebit fl-atti.

2. Illi skond dan il-kuntratt u appuntu l-klawsola numru 5 "*ir-ragel (l-appellant) jobbliga ruhu illi jhallas maneteniment lil martu ghall-bzonnijiet taghha is-somma ta' erba mija u sitta uy ssittin euro (€466) kull erba' gimghat, liema manteniment ma jigix awmentat taht l-ebda' cirkostanza. Ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jibqa' ihallas il-manteniment lil martu anke f'kaz li hi tibda tahdem kemm fuq bazi part-time u anke*

*fuq bazi full time. Din is-somma ghandha titnaqqas mill-paga dovuta lir-ragel u tithallas diretament lill-mara minghand l-employer tieghu kul erba' gimghat. Ghal-dan il-ghan, ir-ragel qed jobbliga ruhu li jinforma lil Maritime Authority b'dan il-ftehim u jawtorizza lill-istess Awtorita tnaqqas dan l-ammont mill-paga teighu. Ir-ragel qieghed jiddekadi mid-dritt tieghu ta manteniment."*

3. Ili f'dan il-kuntratt ma hemm l-ebda referenza ohra ghal manteniment dovut mill-appellant lill-kwerelanti.

4. Illi l-appellant spicca irtira mix-xoghol u ghalhekk l-introjtu tieghu naqas drastikament u ghalhekk ippretenda li ghandu jhallas somma flus ferm inqas u kosnegwentement ma onroax l-obbligu tieghu naxxenti minn dan il-kuntratt u dan ghaleix stqarr li kienet kwistjoni ta' ad impossibilia nemo tenetur.

5. L-appellant jargumenta fir-rikors tal-appell li huwa ha hsieb sabeix jirregolarizza l-postizjoni tieghu tant li fit-12 ta' Gunju, 2018 kien ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Familja (fol. 25) fejn kien gab is-suespost ghall-attenzjoni tal-Qorti u kien talab riduzjoni fl-ammont li ghandu ihallas lil-martu.

6. Mill-atti processwal pero' ma jirrizutlax li kien hemm xi digriet mil-Qorti tal-Familja dwar din l-istess talba tieghu.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jghid li l-kuntratt ta' seprazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-manteniment ma ghadux jghodd u jorbot lill-partijeti peress illi l-*istatus quo* tal-appellant illum inbidel tant li qieghed jghix bilpensjoni u ghalhekk id-dhul tieghu naqas konsierevolment. Jikkontendei li una volta il-kuntratt ta' seprazzjoni ma jipprovdix ghal din l-eventwalita' u cioe' kemm ghandu ihalls l-appellant una volta jaqa' bil-pensjoni allura l-appellant ghandu jigi liberat mil-imputazzjoni.

L-Avukat Generali min naha tieghu filwaqt li ma jikkontestax li l-appellant illum jghix bil-pensjoni li jircievi una volta l-kuntratt li kien iffirma ma inbidilx huwa jibqa' responsabbli ghall-obbligi asunti minnu fl-istess kuntratt.

Ikkunsidrat.

Illi jirrizutla li minkejja li ma jidhirx li nghata xi digriet dwar it-talba tal-appellant maghmula quddiem il-Qorti tal-Famija sabiex jigi varjat l-ammont ta' manteniment li l-appellant ghandu ihallas lill martu Rita jidher li l-appellant qabad u ha l-ligi b'idejh u ma ghaddiex il-manteniment dovut ghax xhur ta' Marzu u April 2018 lill-kwerelanti.

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**[1]" kienet irriteniet testwalment hekk :-

> ......"*Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs. Lawrence Cutajar**[2] u **Pul. vs. Carmelo Farrrugia** [3] ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ……… kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null* . "

Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova:-

> 1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)
>
> 2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma .

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta Settembru 1999.

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1-10 ta Marzu , 1995.

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta Jannar 1998.

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni .

Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Mario Mallia**[4]" (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

> *"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil- paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti*
>
> *meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal- Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "**Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia**[5] (App. Krim. 10/3/95 , u **l-Pulizija v. Carmelo Farrugia**,[6]*

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri**[7]" fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Pul. vs. Anthony Saliba**[8], fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant .

Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti u ghalhekk qabel ma hareg bil-pnsjoni biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1998.

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta Marzu 1995

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta Jannar 1998.

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru, 2002.

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Mejju 1998.

manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn aktar u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu u fil-fatt jidher mis-sentenza li inghatat li fil-fatt kienet illiberatu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk lanqas piena ma tat fil-konfront tal-appellant.

Mill-banda l-ohra pero' ghall-fini tal-piena din il-Qorti ma tistax tinjora li l-appellant kellu kull dritt jitlob mill-Qorti Civili kompetenti revizjoni tal-ammont minnu pagabbli lill-martu qabel ma hareg bil-pensjoni u ghalhekk it-talba messa saret qabel.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur